

Brussell, 19 ta' Frar 2016
(OR. en)

6166/16

SOC 71
EMPL 46
EDUC 33
JEUN 18

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.: 5927/16	SOC 56 EMPL 34 EDUC 13 JEUN 15
Suġġett:	Nikkollegaw l-edukazzjoni, is-suq tax-xogħol u s-soċjetà - Lejn Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa

Bil-ħsieb tad-dibattitu ta' orjentazzjoni dwar l-Aġenda Ġdida għall-Ħiliet tal-Kunsill EPSCO tas-7 ta' Marzu 2016, id-delegazzjonijiet ser isibu meħmuż dokument ta' diskussjoni tal-Presidenza.

Informazzjoni dwar is-segwitu:

L-abbozz ta' Riżoluzzjoni dwar il-promozzjoni tal-iżvilupp u l-inklużività soċjoekonomiċi fl-UE permezz tal-edukazzjoni: il-kontribut tal-edukazzjoni u t-taħriġ għas-Semestru Ewropew 2016 li għandu jiġi adottat mill-Kunsill EYCS fl-24 ta' Frar, fih ukoll għadd ta' dikjarazzjonijiet dwar il-ħiliet li huma rilevanti għal dan id-dibattitu.

Il-President tal-Kunsill EYCS u l-President tal-Kunsill EPSCO ser jiġbru fil-qosor il-konklużjonijiet taż-żewġ dibattiti.

Nikkollegaw l-edukazzjoni, is-suq tax-xogħol u s-soċjetà - Lejn Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa

Dokument ta' diskussjoni tal-Preżidenza għad-dibattitu ta' orjentazzjoni

Kunsill EPSCO fis-7 ta' Marzu 2016

L-Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa imminente, imħabbra fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni Ewropea għall-2016¹, ser tindirizza l-iżvilupp tal-ħiliet u d-diskrepanzi fil-ħiliet b'enfasi fuq l-impjegabbiltà, il-mobbiltà, il-kompetittività u t-tkabbir ġust u bbilanċjat. Din ser tħares b'mod partikolari lejn il-ħtieġa għal ħiliet futuri, fil-livelli kollha, biex jiġu ffaċċjati l-isfidi u jsir l-aħjar użu mill-aktar żviluppi reċenti, b'mod partikolari fil-qasam diġitali, u jiġi żgurat li l-persuni jkunu jistgħu jiżviluppaw u jtejbu l-kompetenzi tagħhom biex ilaħħqu ma' suq tax-xogħol u soċjetà li dejjem jinbidlu. Din ser tipproponi azzjonijiet speċifiċi tal-UE u tappoġġa l-isforzi politiċi miftiehma mill-Istati Membri, li jkollhom l-għan li jippromwovu l-involvement attiv tal-partijiet ikkonċernati rilevanti fl-edukazzjoni, it-taħriġ u s-suq tax-xogħol.

Huwa f'dan l-isfond li l-Preżidenza Netherlandiża qed torganizza d-dibattiti ta' orjentazzjoni fil-Kunsill EYCS ta' Frar u fil-Kunsill EPSCO ta' Marzu, bil-ħsieb li titqajjem kuxjenza u tiġi enfasizzata l-urġenza eminenti tal-kwistjonijiet involuti rigward il-ħiliet f'sens wiesa'. **Dan ser jippermetti lill-Ministri jiddiskutu r-rwol tal-Unjoni Ewropea, bil-ħsieb li jippromwovu l-livell tal-ħiliet fl-Istati Membri. Il-Ministri huma mistiedna jqajmu kwistjonijiet u kunsiderazzjonijiet li jemmnu għandhom jiġu indirizzati fl-Aġenda tal-Ħiliet. Id-dibattiti ser jgħinu fl-iżvilupp ta' din l-inizjattiva importanti u strateġika Ewropea.**

¹ 13486/15

It-trawwim tat-talent u l-ħiliet iwassal għal innovazzjoni u kompetittività u joffri bażi soda għal produttività għolja. Huwa wkoll l-aħjar mod biex jonqsu l-qgħad, il-faqar u l-esklużjoni soċjali.² Dan huwa ferm aktar importanti billi l-ekonomija Ewropea qed tiffaċċja sfidi li huma ta' natura strutturali u fit-tul. Qed naraw-xejriet ewlenin li qed jittrasformaw l-ekonomiji u s-soċjetajiet tagħna. Il-globalizzazzjoni u l-progress teknoloġiku, b'mod partikolari r-robotizzazzjoni u l-ICT, **qed ibiddu l-ħajja, l-impjiegi, il-kontenut tal-impjiegi tagħna u l-mod kif nikkomunikaw u nikkooperaw** ma' xulxin. Qed naraw mudelli ġodda ta' negozju u opportunitajiet ġodda għall-intraprenditorija, kif ukoll forom innovattivi ta' xogħol u li mhumiex standard.

Għalkemm il-globalizzazzjoni u l-progress teknoloġiku għandhom it-tendenza li jżidu t-tkabbir ekonomiku u l-benessri, dawn jistgħu joħolqu era ġdida ta' inċertezza ekonomika u soċjali. L-impjiegi u l-kontenut tal-impjiegi qed jinbidlu wkoll maż-żmien. Il-ħiliet meħtieġa għal suċċess fis-suq tax-xogħol qed jinbidlu malajr u jestendu għal **ħiliet diġitali, ħiliet tekniċi ta' livell għoli u ħiliet soċjali**. Fl-istess ħin, hemm hteġġa għal **ħiliet interpersonali u analitiċi għal impjiegi mhux ta' rutina**. L-impjiegi fis-settur medju tas-suq tax-xogħol, li għandhom it-tendenza li jkunu karatterizzati minn livell għoli ta' ħiliet ta' rutina, huma suxxettibbli għal sostituzzjoni teknoloġika. L-ishma tal-impjiegi tagħhom kienu qed jonqsu f'ħafna pajjiżi Ewropej.³ Sfida ewlenija hija li jiġu akkomodati l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol għal ħiliet ogħla u għat-tisħiħ tal-ħiliet u li jingħata appoġġ lil dawk li jinsabu f'riskju li jtilfu l-impjieg tagħhom.

² Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2016, COM(2015) 690 final.

³ Goos, Manning and Salmons (2009), Job polarization in Europe, *American Economic Review*, 99(2), 58-63.

Sfidi li għandhom jiġu indirizzati

Parti kbira tal-popolazzjoni tal-UE **ma għandhiex livell suffiċjenti ta' ħiliet bażiċi** biex tkun kapaċi taħdem u tiegħu sehem fil-ħajja soċjali. Kważi 70 miljun adult Ewropew m'għandhomx biżżejjed ħiliet ta' litteriżmu jew numeriżmu. Waħda minn kull ħames persuni ta' 15-il sena għandha prestazzjoni baxxa f'dawn il-ħiliet bażiċi. Proporzjon sinifikanti taċ-ċittadini tal-UE għandhom biss ħiliet diġitali ta' livell baxx jew l-ebda ħila diġitali, minkejja li dawn huma essenzjali biex wieħed ikollu rwol sħiħ fis-soċjetà tal-lum.⁴

Qed ikun dejjem aktar rikonoxxut li mhux biss l-għarfien u l-ħiliet konjittivi huma rilevanti fis-soċjetà, iżda l-hekk imsejħa **ħiliet “trasversali” (xi wħud isejħulhom “tas-seklu 21”) u l-ħiliet soċjoemozzjonali huma kruċjali** għal suċċess ekonomiku u soċjali. Il-kreattività, is-soluzzjoni tal-problemi, il-ħsieb kritiku, l-intraprenditorija, il-ħidma flimkien u t-tagħlim dwar kif titgħallem huma dejjem aktar meqjusa bħala ħiliet għall-futur.⁵ Barra minn hekk, il-ħiliet diġitali huma wkoll essenzjali biex wieħed ikun kapaċi jaħdem f'ekonomija u soċjetà diġitali. Idealment, l-istituzzjonijiet edukattivi u tat-taħriġ għandhom jipprovdu lill-persuni bil-ħiliet meħtieġa għal karrieri li jevolvu minflok jippreparawhom sempliċiment għal professjoni speċifika.

Id-diskrepanzi fil-ħiliet u n-nuqqas ta' tlaqqigħ tal-ħiliet zdieđu f'ħafna setturi u reġjuni fl-Ewropa u huma ta' tħassib serju.⁶ Dan ifixkel l-impjegabbiltà, it-tkabbir, il-kompetittività u l-benessri individwali. Kważi 40 % tal-kumpanniji jirrapportaw diffikultajiet biex isibu persunal bil-ħiliet xierqa, fosthom *ħiliet diġitali*.⁷ Dawn id-diffikultajiet jistgħu jkunu r-riżultat ta' snin ta' kriżi ekonomika, iżda probabbilment anke tal-mudelli tax-xogħol li qed jevolvu b'rata mgħaġġla fl-ekonomija diġitali.

⁴ Ara wkoll Skills for Social Progress, 2015 tal-OECD.

⁵ Ara wkoll ir-Rapport Konġunt tal-2015 dwar l-“ET2020” u Skills for Social Progress, 2015 tal-OECD.

⁶ Eż. “Skill Shortages and gaps in European enterprises - Striking a balance between vocational education and training and the labour market”, Cedefop, 2015.

⁷ It-Tielet Stħarriġ Ewropew tal-Kumpanniji (2013), Eurofound

Anke meta l-ħiliet ikunu disponibbli, dawn mhux dejjem ikunu identifikati jew użati kif suppost.⁸ Fl-istess ħin, minħabba l-kriżi ekonomika, in-nies huma aktar inklinati li jaċċettaw impjiegi li jirrikjedu livell inqas ta' kwalifiki jew ħiliet. Huwa stmat li madwar 25 % tal-impjegati adulti żgħażaġh bi kwalifiki għolja, huma kwalifikati żżejjed għal xogħolhom.⁹ Bħala konsegwenza, dan għandu l-implikazzjonijiet tiegħu għall-opportunitajiet ta' impjiegi għal persuni b'livell baxx ta' ħiliet, li jiffaċċjaw kompetizzjoni aktar ħarxa fis-suq tax-xogħol.

Fl-aħħar nett, **l-influss sinifikanti ta' migranti** fis-soċjetà u fl-ekonomija jippreżenta **sfida għall-Unjoni Ewropea**. L-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' daww il-migranti li diġà jinsabu fl-UE u l-ħtieġa li jiġu indirizzati l-konsegwenzi taż-żieda fl-influss ta' refuġjati joħolqu sfidi li qed jaffettwaw għadd ta' Stati Membri b'mod partikolari.¹⁰

It-toroq 'il quddiem

Tinħtieġ azzjoni urġenti biex jissaħħu l-ħiliet tal-ġenerazzjonijiet attwali u biex dawn jattivaw u jużaw b'mod sħiħ il-ħiliet tagħhom sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal tat-tkabbir tal-Ewropa u tissaħħaħ l-inklużjoni soċjali.¹¹

L-ewwel nett, huwa meħtieġ impenn qawwi mill-atturi tas-suq tax-xogħol biex tiġi żgurata transizzjoni aħjar mill-edukazzjoni għas-suq tax-xogħol. L-istituzzjonijiet edukattivi, is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi, is-sħab soċjali, min iħaddem, il-ħaddiema u l-gvern (lokali) – il-koll fi ħdan l-oqsma ta' responsabbiltà proprji tagħhom - għandhom rwol essenzjali fl-indirizzar tal-isfidi (futuri) marbutin mal-ħiliet. L-istituzzjonijiet edukattivi għandhom jaħdmu f'kooperazzjoni mill-qrib man-negozji mhux biss biex joffru edukazzjoni li tissodisfa l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, iżda wkoll biex l-istudenti jingħataw il-ħiliet ġeneriċi li huma meħtieġa biex jipparteċipaw bis-sħiħ fis-soċjetà u biex jiksbu ħiliet ġodda aktar tard fil-karriera tagħhom (jiġifieri jitgħallmu kif jitgħallmu). Min iħaddem u l-ħaddiema għandhom huma stess jieħdu r-responsabbiltà u joħolqu **ambjenti ta' xogħol li fihom l-iżvilupp kontinwu tal-ħiliet, permezz ta' taġlim kemm formali kif ukoll informali, ikun parti naturali mix-xogħol**. Il-gvernijiet fil-livelli kollha għandhom jappoġġaw dan billi joħolqu sistemi li jiffunzjonaw tajjeb, biex jiżviluppaw, jattivaw u jużaw il-ħiliet.

⁸ Matching skills and jobs in Europe, insights from Cedefop's European skills and jobs survey, 2015.

⁹ Ibid.

¹⁰ Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2016.

¹¹ Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2016.

It-tieni nett, huwa meħtieġ impenn qawwi mill-atturi tas-suq tax-xogħol biex ikun żgurat li l-iżviluppi tal-ħiliet jiġu identifikati u, sussegwentement, il-forza tax-xogħol tiġi mġhammra bil-ħiliet it-tajba tul iċ-ċiklu tal-ħajja tax-xogħol. Dan jikkontribwixxi kemm għal ekonomija Ewropea aktar kompetittiva u b'saħħitha, kif ukoll għal inklużjoni soċjali mtejbja. L-investiment fil-ħiliet ma jistax jieqaf meta wieħed iħalli l-edukazzjoni formali. Sabiex itejbu l-impjegabbiltà u biex ilaħħqu mal-isfidi tal-futur, is-soċjetajiet għandhom isiru aktar reattivi. It-tagħlim, it-taħriġ vokazzjonali u l-iżvilupp tal-ħiliet għandhom ikunu parti integrali tal-ħidma. In-negozju u l-ħaddiema nfushom għandhom rwol importanti, minħabba li – fil-bieċa l-kbira – huma stess igawdu mill-benefiċċji. Jeħtieġ li n-negozji jibqgħu kreattivi u jsaħħu l-kapaċitajiet ta' innovazzjoni tagħhom, b'differenzi fir-rigward tal-karattru u d-daqs tal-kumpanniji u l-ħtieġa ta' ħiliet u għarfien speċifiċi ("artiġjanat") flimkien ma' ħiliet aktar ġeneriċi.

Madankollu persuna waħda biss minn kull għaxra qed tipparteċipa fit-**tagħlim tul il-ħajja** bħalissa. Għandha ssir prattika komuni li l-impjegati **jinvestu kontinwament fl-impjegabbiltà tagħhom stess**, u, jekk meħtieġ, anke għat-transizzjoni lejn kompiti u impjiegi oħra. Mhuwiex biżżejjed li persuna waħda minn kull għaxra tipparteċipa fit-**tagħlim tul il-ħajja**. Jeħtieġ li jiżdiedu l-isforzi biex aktar ħaddiema jinvolve ruħhom fit-Tagħlim Tul il-Ħajja. Il-parteeipazzjoni fit-tagħlim tul il-ħajja u fl-edukazzjoni lil hinn minn dik inizjali mhijiex imqassma b'mod ugwali fost is-soċjetà, fejn b'mod partikolari l-ħaddiema akbar fl-età, daww b'edukazzjoni baxxa u impjegati b'kuntratti temporanji jipparteċipaw ħafna inqas. Biex jinħolqu soċjetajiet inklużivi u li jirreaġixxu b'mod pożittiv – li fihom il-persuni jkunu jistgħu jaħdmu aktar fit-tul – l-iżvilupp kontinwu tal-ħiliet għandu jkun prijorità kemm għall-ħaddiema kif ukoll għan-negozji.

It-tielet nett, jekk il-ħiliet u l-kwalifiki jinfteħu u jintużaw b'mod effettiv, dawn issarrfu f'aktar mobbiltà tax-xogħol, fi tlaqqiġi aħjar tal-provvista u d-domanda fis-swieq tax-xogħol tal-UE u fl-aħħar nett, friżultati ekonomiċi u soċjali aħjar. Madankollu, hemm nuqqas ta' fehim u, sa ċertu punt, nuqqas ta' **fiduċja fil-kwalità tal-kwalifiki** miksuba fi Stat Membru ieħor jew barra l-UE. Dan joħloq ostakli għall-mobbiltà tal-ħaddiema fl-UE u għall-integrazzjoni ta' ħaddiema minn pajjiżi terzi. Dan ixekkel il-funzjonament tas-suq intern u jiskoraġġixxi lill-ħaddiema tal-UE milli jidħlu fi swieq tax-xogħol ta' Stati Membri oħra.

Il-ħiliet jissarrfu f'riżultati ekonomiċi u soċjali aħjar biss jekk jintużaw b'mod effettiv. Sfida partikolari għall-politiki dwar il-ħiliet hija li **tinħoloq rabta bejn ambjenti differenti ta' tagħlim**. Wara kollox, aħna nitgħallmu mhux biss fl-iskola, iżda wkoll matul u/jew wara li nispiċċaw l-educazzjoni inizjali f'ambjenti ta' tagħlim informali (eż. tagħlim bil-prattika) fuq il-post tax-xogħol, fid-dar, f'komunitajiet, ma' persuni oħra. Sar progress fir-rigward tal-**validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali**.¹² Dan huwa partikolarment rilevanti għal persuni bi kwalifiki aktar baxxi, li huma qiegħda jew f'riskju ta' qgħad, u għal dawk li għandhom bżonn li jibdlu l-karriera tagħhom, biex jidentifikaw il-ħtiġijiet għall-iżvilupp u jkollhom aċċess għal programmi ta' rikwalifikazzjoni. Madanakollu, l-opportunitajiet għal validazzjoni u l-livelli ta' validazzjoni ta' tagħlim mhux formali u informali jvarjaw b'mod sinifikanti fost l-Istati Membri.¹³

Il-ħiliet jaqdu wkoll rwol importanti fl-indirizzar tas-sitwazzjoni tal-migrazzjoni Ewropea attwali. **Il-promozzjoni tal-inklużjoni tal-migranti fis-suq tax-xogħol** hija essenzjali biex jiġu żgurati l-integrazzjoni effettiva tagħhom fis-soċjetajiet ospitanti u l-impatt pożittiv tagħhom fuq l-ekonomija tal-UE. Il-politiki dwar il-ħiliet immirati jistgħu jkunu ta' għajna f'dan ir-rigward.

Minkejja li hemm stabbiliti għadd ta' inizjattivi u strumenti fil-livell tal-UE, huwa importanti li jiġi vvalutat jekk dawn humiex adattati għall-iskop u x'titjib jew allinjamenti jistgħu jsiru fil-livell Ewropew, nazzjonali u f'dak reġjonali.

¹² Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali.

¹³ Inventarju Ewropew 2014 dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali.

Organizzazzjoni tad-dibattitu

Il-Ministri huma ġentilment mitluba jikkondividu l-aspettattivi tagħhom u jipprovdu kontribut u gwida fir-rigward tal-aġenda għall-ħiliet li jmiss, billi jwieġbu l-mistoqsijiet (waħda minnhom) elenkati hawn taħt.

1. **It-tfassil tal-aġenda għall-ħiliet**

Fuq x'hiex għandha tiffoka l-UE u kif l-aħjar li tista' tgħin il-Kummissjoni Ewropea? Ikun utli li jiġu żviluppati punti ta' riferiment sabiex tiġi vvalutata l-prestazzjoni tal-Istati Membri u dawn il-punti ta' riferiment għandhom jintużaw fil-qafas tas-Semestru Ewropew?

2. **Transizzjoni mill-edukazzjoni għall-impjieg**

Kif jistgħu l-politiki tal-impjieg u min iħaddem jikkontribwixxu għal sett ta' ħiliet imtejba għall-persuni li jidħlu fis-suq tax-xogħol? Xi rwol jista' jkollhom l-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema, min iħaddem, l-istituzzjonijiet edukattivi u l-gvernijiet biex tiġi ffaċilitata t-transizzjoni mill-edukazzjoni għall-impjieg?

3. **Iż-żamma tal-ħaddiema fis-suq tax-xogħol**

B'kont meħud tax-xejriet tar-robotizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni, u l-effett tagħhom fuq l-impjieg fis-settur medju tas-suq tax-xogħol (il-polarizzazzjoni tal-impjieg), kif jistgħu (is-sħubiji bejn) in-negozju, l-edukazzjoni u l-gvern jirreaġixxu għal ekonomija li qiegħda tinbidel u jinvestu kontinwament biex il-ħiliet għall-forza tax-xogħol jinżammu aġġornati? Kif jistgħu jingħataw aktar inċentivi lil min iħaddem biex jerfgħu r-responsabbiltà tagħhom li jsir investiment kontinwu fil-ħaddiema kollha, inklużi dawk temporanji u dawk li jaħdmu għal rashom?

4. **Sfruttar sħiħ tal-potenzjal tal-forza tax-xogħol**

Kif jistgħu l-ħiliet miksuba permezz tat-tagħlim mhux formali u informali jiġu rikonoxxuti u użati aħjar? Kif jistgħu jiġu żviluppati strateġiji effettivi li jwasslu għal aktar parteċipazzjoni minn persuni li huma akbar fl-età, ħaddiema b'livell baxx ta' edukazzjoni u impjegati b'kuntratti temporanji?